MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1230/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Captain Morgan Leisure Limited u l-istess Captain Morgan Leisure Limited**

**vs**

**Vincent Cassar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Gunju 2004 fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mija u sittin Lira (Lm160) (Lm135 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u Lm25 lis-socjeta' Captain Morgan Leisure Limited) minnu ikkagunati u minnhom subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara l-Gudja fit-18 t'Awissu 2003 waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. IAE 387

habat mal-vettura Nru. ZTK 999, proprieta` ta’ Captain Morgan Leisure Limited u misjuqa minn Rachel Zammit Tabona, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tal-10 ta’ Dicembru 2003, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b’notifika wahda) prezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-imghax legali b’effett mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma sehhx b’tort tal-konvenut, izda b’tort tas-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta fl-istess incident, minhabba trasukragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess sewwieq.

Illi f’kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1396 Anthony Agius, ta’ Rachel Zammit Tabona u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kazwa tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta’ Awissu 2003 fi Triq Hal-Saptan, il-Gudja bejn il-

vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZTK 999 misjuqa minn Rachel Zammit Tabona u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 387 misjuqa mill-konvenut.

Rachel Zammit Tabona xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZTK 999 fi Triq Hal-Saptan sejra fid-direzzjoni tar-*reservoir* tal-Enemalta. Hija tispjega li it-triq in kwistjoni hija pjuttost dejqa u tghid li kienet qed issuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u fil-parti d-dritta. Malli waslet vicin il-liwja giet il-vettura tal-konvenut mid-direzzjoni opposta u mill-liwja, tinstaq b'certu velocita` u sabiex tevita lil din il-vettura, Zammit Tabona gibdet lejn ix-xellug izda xorta wahda sehh l-impatt. Il-konvenut laqat il-vettura misjuqa minn Zammit Tabona mal-genb ta' wara tan-naha tal-lemin ghaliex meta laqatgha hija kienet qed iddur lejn ix-xellug. Il-konvenut kien qed isuq fuq in-naha taghha tat-triq tghid Zammit Tabona u mal-impatt baqa' miexi `l quddiem ghaliex ma kienx ghafas il-brejk u waqaf ftit metri `l fuq minn fejn sehh l-impatt.

Zammit Tabona qalet li ma taqbilx mal-i*spot of impact* indikat fuq l-iskizz ghaliex skond hi l-impatt sehh hafna aktar vicin il-liwja u l-post fejn tidher il-vettura taghha fuq l-iskizz.

Il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 387 fil-lokalita` imsemmija sejjer fid-direzzjoni tal-*airport.* Malli wasal fil-kisra, ra l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa waqaf u ra lil din il-vettura l-ewwel tikser lejn ix-xellug u mbaghad tikser lejn il-lemin. Kien hemm tul ta' madwar zewg vetturi bejn il-vettura tieghu u l-vettura ta' Zammit Tabona meta raha l-ewwel darba, jghid il-konvenut. Huwa jsostni li fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident jghaddu zewg vetturi komodament u wara l-incident komplew ghaddejjin il-vetturi min-naha tal-lemin tieghu. Skond il-konvenut Zammit Tabona harget fuq sajdha sabiex tevita xi sigar li kien hemm man-naha tax-xellug taghha.

In kontro-ezami il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq b'velocita` ta' madwar 25 kmph u jghid li malli hareg mal-liwja, ra l-vettura l-ohra u waqaf u l-incident sehh fuq sajdu.

Fuq l-iskizz esebit a fol. 19 tal-process, l-*spot of impact* huwa indikat distanza sostanzjali mil-liwja u fid-deposizzjoni tieghu is-Surgent li nvestiga l-kaz jghid li huwa seta' jindika dan l-*spot of impact* ghaliex sab xi debris. It-Tribunal izda jidhirlu li dan l-*spot of impact* gie indikat hazin u wiehed ma jistax jistrieh fuq l-iskizz f'dan ir-rigward. Dan jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-*spot of impact* ma giex indikat fuq ir-*rough sketch* imhejji mis-Surgent immedjatament wara l-incident (esebit a fol. 23 tal-process).

2. Il-konvenut stess jikkonferma li l-incident sehh immedjatament malli huwa dar il-liwja ghaliex huwa jghid li ra l-vettura misjuqa minn Zammit Tabona malli dar il-liwja u huwa waqaf malli ra lil din il-vettura gejja mid-direzzjoni opposta.

Stabbilit dan il-punt, u cioe` li l-incident de quo sehh aktar vicin il-liwja, jinghad li fil-fehma tat-Tribunal l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut u dan ghaliex malli huwa dar il-liwja mar fuq in-naha l-ohra tat-triq u habat mal-vettura misjuqa minn Zammit Tabona li kienet gejja fuq sajdha u li sabiex tevitah kisret lejn ix-xellug biex b'hekk huwa laqatha bil-ponta ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tieghu fil-genb ta' wara tal-lemin taghha.

Il-hsara fil-vettura tal-konvenut tikkorobora il-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija minn Rachel Zammit Tabona. Huwa fil-fatt ma kellu ebda hsara fil-faccata ta' quddiem u dan jindika li effettivament l-impatt sehh meta huwa mar fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn kienet qed issuq Zammit Tabona li kienet kompletament fuq sajdha.

L-atturi resqu provi sodisfacenti rigwardanti l-quantum tad-danni minnhom reklamati, liema danni jidher li huma

perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' mija u sittin Liri Maltin (Lm160) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-10 ta' Dicembru 2003, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------